

Brussell, 10 ta' Lulju 2026
(OR. en)

9944/26
COR 1

LIMITE

GLOBAL GATEWAY 37	ECOFIN 712
COASI 95	FIN 777
COEST 416	CCG 21
COAFR 166	TRANS 378
MED 28	ENER 303
MAMA 136	ENV 597
COLAC 79	DEVGEN 93
COWEB 77	DIGIT 154
COMPET 655	

NOTA

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Global Gateway

Fid-dokument ST 9944/2026, fil-paġna 3, il-paragrafu 4 għandu jinkludi n-nota ta' qiegħ il-paġna li ġejja:

"4. Il-Kunsill ifakkar li l-istrateġija Global Gateway hija bbażata fuq valuri demokratiċi u standards għoljin, inkluż il-governanza tajba u t-trasparenza, ir-rispett għall-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sostenibbiltà ambjentali u dik soċjali. Jissottolinja wkoll li l-Global Gateway hija implimentata permezz ta' sħubijiet ugwali u ta' benefiċċju reċiproku xprunati mill-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tal-pajjiżi sħab u li jirriflettu l-interessi strateġiċi tal-Unjoni Ewropea inklużi r-regġuni ultraperiferiċi tagħha¹, li bħala regġuni sħab tal-UE, huma parti integrali mill-UE, u l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej assoċjati mal-UE. Huwa jenfasizza l-ħtieġa li jiġi kkonsolidat

¹ L-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE jirrikonoxxi r-restrizzjonijiet speċifiċi tar-Regġuni Ultraperiferiċi u jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi f'dan ir-rigward, kif muri mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2022 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni bit-titolu "Inpoġġu lin-Nies l-Ewwel, Niżguraw Tkabbir Sostenibbli u Inklużiv, Nilliberaw il-Potenzjal taż-Żoni Ultraperiferiċi tal-UE".

u jiżdied il-progress sabiex jinkisbu eżiti b'impatt għoli, trasformattivi, sostenibbli u ta' benefiċċju reċiproku għall-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi sħab tagħha."

Fl-istess dokument, fil-paġna 9, il-paragrafu 18 għandu jinkludi n-nota ta' qiegħ il-paġna li ġejja:

"18. Il-Kunsill ifakkar fil-prinċipji ta' Busan dwar l-effettività tal-iżvilupp² tas-sjeda, li jiffokaw fuq ir-riżultati u l-allinjament, it-trasparenza, ir-responsabbiltà reċiproka u s-sħubijiet inklużivi, u jissottolinja l-applikazzjoni tagħhom fil-Global Gateway. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-valur miżjud tal-Global Gateway fl-impenn tiegħu għal finanzjament responsabbli u trasparenti, li jipprovdi offerta sostenibbli li tiżgura vijabbiltà fit-tul u tissalvagwarda lis-sħab kontra l-vulnerabbiltajiet tad-dejn."

² **Kif deskritti mis-Sħubija ta' Busan għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp.**